TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 272/10

**Joseph Caruana**

**vs**

**Crosscraft Co. Ltd u Gaevince**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Lulju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sebgħin ewro (€70), rappreżentanti prezz ta' pompa ta' l-ilma li kellha diversi ħsarat.

L- intimati ppreżentaw risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendew għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimait li huma rappreżentanti tas-soċjetajiet intimati, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara pompa ta' l-ilma mingħand id-ditta intimata u kellha diversi ħsarat fi żmien qasir.

L-intimat issottometta illi ġol-pompa nstab ammont kbir ta' frak u ta' sadid illi kkaġuna l-ħsara fis-siġill ta' l-ilma. Minħabba dan irriżulta illi l-problema hija fil-kwalita' ta' l-ilma.

Is-soċjeta' intimata Gaevince issottomettiet illi hija s-soċjeta' intimata Crosscraft Co. Ltd li hija responsabbli mill-garanzija.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi ma jistax ikun illi fi żmien daqshekk qasir il-pompa tmur u anke minkejja li kulħadd jaf li l-ilma ta' Malta għandu l-ġebla ġo fih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata Crosscraft Co. Ltd tħallas l-ammont ta' ħamsin ewro (€50), b'dan illi l-pompa tiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**